Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 237/2018

Il-Pulizija

Vs

Jeremie Galea

Illum 14 ta' Frar, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jeremie Galea detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 579888M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-14 ta' Mejju, 2018 ghall-habta tal-20:45hrs fiz-Zejtun:

1. Hebb kontra Dylan German u Donnalise Grech sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru DYL 019 liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda hi izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-dannu ta' Dylan German (ID nru 143494M);

3. Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Donnalise Grech u Dylan German u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dawk il-persuni;

4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa l-Fgura:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anne Grech skont kif iccertifika Dr. Glen Micallef MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid;

2. Saq il-vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni DBX 862 u ghadda kontra s-sinjal li jindika li m'hemmx dhul (*No Entry*) bi ksur tar-Regolament 2 Taqsima II, Art. A (c), L.S. 65.05, kif ukoll;

3. Saq il-vettura msemmija b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz, bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a), (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa dawn il-Gzejjer:

1. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kapitolu ghas-sigurtà ta' Donnalise Grech u l-familja taghha kif ukoll ta' Dylan German, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221, 222(1)(a), 251A, 251B, 325(1)(b), 338(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament A(c) tat-Tieni Taqsima tal-Avviz Legali 94 tas-sena 1969, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tliet xhur. In oltre u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte leza s-somma ta' elf tmien mija u sbatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€1,817.20). In konkluzjoni u b'applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Dylan German, Donalise Grech u Anne Grech poggiet lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeremie Galea, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti moghtija fil-15 ta' Mejju 2018 b'dan illi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-akkuzi kif dedotti, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif

ukoll fejn ikkundannatu jhallas id-danni minnu kkagunati fi zmien sitt xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fejn skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tliet xhur, u tikkundannah ghal piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jeremie Galea huma s-segwenti u cioe`:-

Illi dan l-appell huwa wiehed limitatament ghall-piena.

Illi l-appellant ihoss li l-piena hija wahda eccessiva. L-appellant umilment ihoss li fic-cirkostanzi, piena ta' prigunerija sospiza mhix dik idonea b'mod specjali meta huwa kien ipprovokat b'mod serju hafna minn terza persuna li kien f'relazzjoni ma' omm uliedu, fejn l-appellant kellu ghaliex jemmen li dan kien qieghed isawwat lil uliedu. L-azzjoni tal-appellant fejn huwa kkaguna hsara fil-vettura ta' Dylan German kienet reazzjoni wara li dan tal-ahhar ipprova jsuq ghal fuqu. Fil-fatt, ghad hemm proceduri kriminali dwar dan fil-konfront ta' Dylan German.

Illi tant hija verosimili l-verzjoni tal-appellant, li wara li kien deciz dan il-kaz, l-imsemmija Donnalise Grech irrapportat lil Dylan German talli kien vjolenti maghha.

Illi l-appellant umilment ihoss li ordni ta' probation kienet tkun piena aktar idonea fic-cirkostanzi.

Illi l-appellant kien ukoll skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan. L-appellant jifhem u japprezza li l-iskwalifika hija wahda tassattiva taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, izda z-zmien tal-iskwalifika huwa wiehed eccessiv, kif ser jispjega.

Illi skont l-Artikolu 15 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti setghet tiskwalifika lill-appellant ghal zmien ta' mhux inqas minn tmint ijiem.

Illi ghalhekk, l-appellant ihoss li skwalifika ta' tliet xhur hija wahda eccessiva b'mod specjali meta huwa juza l-licenzja tas-sewqan ghall-ghejxien tieghu.

Illi l-appellant ghadda minn diversi turbolenzi fil-hajja tieghu izda issa jidher li qieghed stabbli, hlief ghal dan l-incident fejn huwa kien ipprovokat. Jekk huwa jkun

skwalifikat milli jsuq ghal zmien tliet xhur, huwa ser jitlef l-impjieg tieghu, liema impjieg jiddependi kompletament fuq din il-licenzja.

Illi inoltre, l-appellant inghata biss sitt xhur biex ihallas is-somma ta' €1,817.20, liema zmien huwa wisq qasir ghall-appellant biex ihallas din is-somma sostanzjali, b'mod specjali meta huwa ghandu paga minima.

Illi f'dan il-kaz, l-appellant ikkopera bis-shih mal-pulizija kif ukoll ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kif inhu rifless fis-sentenza tal-ewwel Qorti u huwa ghalhekk li jhoss li kien jimmerita piena aktar mita.

Illi huwa minnu li l-ammissjoni ma ggibx maghha awtomatikament il-minimu tal-piena, izda l-appellant ihoss li l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza li haqqha l-ammissjoni bikrija tieghu.

Rat l-atti tal-kawza u l-fedin penali aggornta tal-appellant.

Smghet ix-xhieda prodotta quddiemha fosthom ta' Dr Yanika Bugeja l-avukat difensur tal-appellant u ta' Donalise Grech u Supretenent Johann J Fenech.

Semghet lill-avukati tal-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tal15 ta' Jannar 2019.

Ikkunsidrat,

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat[1],** l-Onorabbli Qorti sostniet li:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-*

[1] Deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

*responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat".*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[5], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi sabiex din il-Qorti tara jekk in effetti l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienitx harxa jew eccessiva kellha tifli l-process u tanalizza ix-xhieda prodotta minkejja li l-ammissjoni tal-appellant giet registrata fl-atti fl-ewwel seduta li giet appuntata ghas-smiegh ta' din l-istess kawza quddiem il-Qorti.

Jinghad li qabel ma inghatat is-sentenza imsemmija, l-ewwel qorti ma kellha l-ebda xhieda dwar dak li sehh u strahet biss ghalhekk fuq l-ammissjoni bikrija tal-appellant stess, in-natura tar-reati li taghhom kien qed jinstab hati, il-ko- operazzjoni tieghu mal-pulizija,u l-fedina penali netta tieghu.

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[5] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Rat l-okkorenza esebita u immarkata bhala dok JF1 u minn esami ta' l-istess jirrizulta is-segwenti:-

Illi nhar l-14 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 20.50 pm gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun Dylan German u Donalise Grech stqarrew li ghall-habta ta' 20.45 kienu fil-limiti ta' Hal Tmiem u kellhom xi argument ma certu Jeremy. Qalu li kienu wieqfin bil-vettura taghhom bin-numru ta' registrazzjoni DYL 019 gewwa Hal Tmiem fejn f'hin minnhom mar Jeremy, waqaf quddiem il-vettura ta' Dylan, hareg mill-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot ta' lewn abjad u beda ifittex xi haga mill-vettura tieghu. Dak il-hin Jeremy hareg hadida minn gewwa l-vettura tieghu aktarx hadida tal-jack u waddabha fuq l-vettura ta' Dylan, fejn Dylan saq bicca 'l quddiem u x'hin waddab il-hadida direzzjoni lejn Dylan din ghamlet hsara fuq il-fanal u l-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug.

Il-kwerelanti stqarrew li wara dan Jeremy mar jigri lejhom u b'siequ ghamillu hsara fuq il-bieba tan-naha tal-passigier u rega tah daqqa ohra fuq il-mudgaurd ta' wara tax-xellug. X'hin Dylan ra hekk dan saq minn fuq il-post u gie gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun. Dylan intalab jghati stima tal-hsarat li allegatament saru minn Jeremy gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun.

Gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun marret ukoll omm Donalise certu Anne Grech fejn min naha taghha din stqarret li waqt li bdiet izzomm lil Jeremy milli jmur jaghti lil Dylan dan imbuttaha u weggalha idejha fejn ghal dan giet mitluba tmur taghmel certfikat mediku gewwa l-poliklinika. Ann zidet ukoll illi f'dak il-waqt Jeremy beda ighidilha l-kliem"*…it-tifla ser nghollijilek*","*…ser nghollijhom it-tnejn li huma..*" u "*..noqtollok lil bintek..*"

Il-pulizija ghamlet kuntatt fuq in-numru tal-mobajl ta' Jeremy 99755576 fejn din minnufih identifikaat ruhha bhala pulizija fejn meta tatu ordni sabiex jmur gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun dan wiegeb bil-kliem.." *jien xala z…*" flimkien ma kliem indicenti iehor u dagha. Hawnhekk il-pulizija ghal darb' ohra regghet tat ordni cara lil Jeremy sabiex jigi l-ghassa taz-Zejtun fejn hawnhekk Jeremy rega' wiegeb bl-istess risposta ta' qabel u qata' l-linja. Hawnhekk il-pulizija harget tfittex lil Jeremy jew il-

vettura li setgha qieghed biha fejn ghall-habta tad-21.15 il-pulizija mill-ghassa tal-Fgura ghamlu kuntatt ma dik id-Divizjoni u nfurmawha li Jeremy kien jinsab gewwa l-ghassa tal-Fgura u gie mwaqqaf minhabba sewqan hazin.

Il-pulizija infurmat b'dan kollu lill-ispettur tal-ghassa, l-allura spettur anzjan J. Fenech fejn min naha tieghu ta' struzzjonijiet sabiex Jeremy jigi arrestat u jittiehed gewwa l- *lock up* tal-pulizija fil-Furjana. Hawnhekk il-pulizija minn dik id-Divizjoni marru sabiex ikellmu lil Jeremy gewwa l-ghassa tal- Fgura.

Hekk kif l-pulizija waslet gewwa l-Fgura, Jeremy gie infurmat li jinsab taht arrest fejn hemmhekk inqalghet kommossjoni li giet kkontrollata, u fi ftit hin Jeremy gie infurmat b'dan ir-rapport u gie mghoti s-solita' twissija u drittijiet, fosthom li jkollu prezenti jew jikkonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu liema dritt gie rrifjutat minn Jeremy u ffirma dikjarazzjoni ghal dan.

Min naha tieghu Jeremy stqarr illi ghall-habta tas-18.30 huwa spicca mix-xoghol u nizel id-dar fejn f'dak il-hin biddel is-SIM card tal-mobile minn dik tax-xoghol ghal dik personali u *sab voice message* minghand Ann Grech f'liema voice message jinstema t-tifel tieghu Rodrico ta' hames snin jghajjat u jghid il-kliem *"..ajma ajma.."* Ghal dan Jeremy cempel lil Ann fejn staqsiha r-raguni ghal dan u din ma bdietx twiegbu, fejn ghalhekk huwa mar id-dar taghha sabiex ikellimha.

Jeremy sostna li malli wasal id-dar ta' Ann huwa kien staqsa lil Rodrico ghaliex beda jghajjat u Rodrico wiegbu li huwa ghamel hekk ghaliex Dylan kien tah daqqa. Jeremy kompla jzid illi huwa telaq minn hemm b'rabja ifittex lil Dylan u hekk kif kien ghaddej lejn Hal Tmiem ra lil Dylan. Dylan ipparkja u waqaf madwar zewg kantunieri 'l boghod sabiex javvicinah. Malli Jeremy kien mixi lejn Dylan, Dylan startja l-karozza tieghu u saq ghal fuqu, fejn f'xi hin Jeremy ra hekk qabad l-ewwel haga li giet f'idu, li dak il-hin kienet lasta ta' xkupa u waddabha lejn il-vettura ta' Dylan, fejn Dylan hawnhekk waqaf u Jeremy kompla jaghti bis-siq mal-vettura ta' Dylan. Jeremy stqarr ukoll illi Dylan harab minn fuq il-post u huwa mar ifittxu bil-karozza izda ma sabux, fejn hekk kif kien ghaddej mil-Fgura ghadda *wrong way* u Pulizija mill-ghassa l-Fgura waqqfu u hadu l-ghassa.

Il-pulizija ta' dik id-Divizjoni infurmat lil Jeremy li kien ser jinzamm arrestat gewwa l-*lock up* fejn f'dan il-hin regghet inqalghet kommossjoni u Jeremy pprova jahrab billi jaqbez minn tieqa li hemm fl-ghassa l-Fgura u dan gie mizmum mill-Pulizija. Hawnhekk ghal darb'ohra l-pulizija regghet ikkalmat is-sitwazzjoni fejn Jeremy ghamel kunttt mal-Imghallem tieghu u nfurmah li ghandu l-van tax-xoghol bin-numru ta' registrazzjoni DBX 862, fejn l-istess van ghandu jghaddi ghalih nhar il-15 ta' Mejju 2018 certu Mark Debono u jigbor ic-cwievet ta' l-istess vettura gewwa l-ghassa l- Fgura.

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Glenn Micallef esebit fl-atti a fol. 13 markat bhala dok JF3 fejn hemm deskritt li Anna Grech kellha '*abrasion on anterior aspect of left foreman*' deskritta bhala feriti ta' natura hafifa.

Rat l-istima esebta fl-atti a fol. 14 markata bhala dok JF4 fejn jidher li d-danni gew stmati fl-ammont ta' €1,817.20.

Rat l-istatement rilaxxjat volontarjament mill-appellant esebit fl-atti a fol. 15 mmarkat bhala dok JF5. Stqarr illi huwa jahdem bhala delivery man mal-kumpanija easylife. Mistoqsi jekk kellux kawzi il-Qorti stqarr li iva l-iktar fuq glied man-nanna tat-tfal tieghu.

Mistoqsi jispjega x'kien gara fl-14 ta' Mejju 2018 jghid li kien ix-xoghol u appena biddel is-SIM card gol mobile tieghu tax-xoghol sab xi messaggi voicemail u sema' lit-tifel Rodrigo ighid 'ajma ajma'. Qata it-teleon u cempel lil nantu Anna Grech u staqsiha ghaliex ibnu kien qed ighid hekk. Qal li ma tatux spejgazzjon u beza' jisforzha pero' kienet qed tlaqlaq. Qaltlu biex ikellem lit-tifel iz-zghir Neyman. Huwa ghalhekk mar id-dar u staqsieh fejn kien u kif dahal Rodrigo qallu li Dylan qallu biex iqatta l-hwejjeg tan-nanna u jkissirlha is-sink. Qallu biex ma jghamilx hekk u biex ma jkellimx lil Dylan. Rodrigo qal qallu li Dylan tah daqqa pero' ma qallux ghalfejn. Sadanitant Anna cemplet lil bintha Donnalise Grech li tigi omm it-tfal u li qieghda f'relazzjoni ma Dylan u qaltilha li hu sar jaf b'kollox u li ser jinqala' l-inkwiet. Huwa kellem lil Donalise u qallha biex tghid lil Dylan biex ma jkellimx lit-tfal u ma jersaqx lejhom. Hi qabdet titmejjel bih fuq it-telefon u ghalhekk qallha li

kien ser imur ifittex lil Dylan u jkellmu wicc imb' wicc. Jghid li Anna ma hallitux johrog izda hareg xorta u mar lejn iz-Zejtun biex ikellmu fejn il-garaxx tieghu u sabhom ipparkjati fejn Hal Tmiem Butcher. Apppena nizel mill-vettura jghid li dan saq ghal go fih u hu resaq 'l hemm. Jghid li hu ma ghamel xejn salv li nizel biex ikellmu minhabba t-tfal.

Qal li mar wahdu. Mistoqsi x'ghamel biex imbutta lil Anna jghid li ma messiex izda mess il-bieb tad-dar taghha. Cahad li hedded lil Donalise jew lil Anna. Mistoqsi kif jispjega li Anna giet certifikata li kellha griehi minn tabib jghid li ma jafx kif saru dawn.

Mistoqsi numru ta' domandi fir-rigward ta' Dylan u l-karozza tieghu u l-appellant kif ghandu kul dritt ighamel ghazel li ma jwegibx.

Dawn huma l-provi li l-prosekuzzjoni resqet quddiem l-ewwel Qorti u li waslu lill-ewwel Qorti tiggustifika s-sentenza moghtija minnha stante li wara kollox l-appellant kien ammetta quddiemha.

Quddiem din il-Qorti xehdet l-avukat difensur tal-appellant u cioe' **Dr. Yanika Bugeja** u dan fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2018. Spjegat illi wara li inghatat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u gie intavolat l-appell odjern cemplitilha Donalise Grech u staqsietha kif tista' taghmel biex tkellem lill-ispettur halli tghidlu l-verita x'kien gara. Staqsietha x'kien il-verita' u qaltlu li l-partner taghha u cioe' Dylan kien sawwat it-tfal taghha li ghandha mal-appellant. Stqarret li ma kientx certa jekk kienx it-tfal li sawwat jew lil xi wild partikolari. Qaltilha li Dylan kien sawwat lilha ukoll u li xtaqet tmur tirraporta dan il-fatt ukoll. Talbet li tmur tkellimha pero' peress li hija l-avukat tal-appellant ma hassitiex komda iddirigietha tkellem lill-avukat taghha. Mistoqija jekk tiftakarx meta saret it-telefonata tghid li ma tafx il-jum bi precizjoni.

In vista ta tali xhieda, xehdet ukoll **Donalise Grech** u dan wara li giet awtorizzata tixhed b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Settembru, 2018. Mistoqsija jekk tafx lill-appellant tghid li tafu bhala missier iz-zewg uliedha. Qalet li f'Mejju 2018 hija kellha relazzjoni ma' Dylan German u kien inqala' incident l-appellant spicca tressaq il-Qorti. Qalet li

dakinhar tal-incident binha kien maghha u Dylan mhux vera sawtu izda ikkoregih izda kien veru li sawwat lilha. Qalet li kienet qalet lil Dr. Bugeja li dakinhar l-apellant kien provokat minn ommha u dan ghaliiex kienet ilha iccmpel lilha u tparla fil-vojt. Mistoqija tispjega allura kif kien provokat Jeremie tghid li ommha dejjem tghid li ser titkellem ma Jeremie u tghid li x'gara u fil-fatt hekk ghamlet kif tghamel is-soltu. Ikkonfermat li l-avukat kienet qaltilha biex tmur tkellem avukat pero' ma marritx.

Stqarret li tiftakar li keint irraportat li l-appellant kien waqaf bil-vann quddiem Dylan, nizel mill-van u qabad hadida u beda jaghti fuq il-vettura naha tal-passiggier. Qalet li veru kienet tkelmet ma Dr. Bugeja u qaltilha li Dylan isawwatha u li kienet ommha li qalghet dan l-inkwiet.

**Supretendent Johann Fenech** xehed wara li giet awtorizzat jixhed b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Settembru, 2018. Mistoqsi jekk Donalise Grech kientix marret ghandu wara li l-appellant instab hati mill-Qorti tal-Magistrati fuq rapport maghmul minnha biex tagahmel retraction tar-rapport li kienet itnavolat kontra l-appellant jew parti minn jghid li ma jafx b'dan l-incident. Anzi jghid li lilu ma kellmitux u fil-file ma hemm l-ebda nota f'dan is-sens.

Illi ghalhekk fir-rigward tal-provi imressqa quddiem l-ewwel Qorti jinghad li bhala fatti ma jirrizulta xejn gdid u ghalhekk l-appellant hu marbut mal-ammissjoni tieghu. Ad ogni caso, l-appell li gie intavoalt huwa biss rigward il-piena li fil-fehma tal-avukat difensur hija wahda eccessiva.

Jinghad li l-akkuzi moghtija kontra l-appellant fir-rigward tal-incident li sehh fiz-Zejtun nhar l-14 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 20.45pm, l-akkuzi jgorru is-segwenti piena:-

1. Fir-rigward l-ewwel akkuza dik naxxenti mill-**artikolu 339 (1) (d) tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena ghandha tkun ammenda skond l-artikolu 13 (1) tal-kap 9 li jirpprovdi s-segwenti:-

*"Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximumtal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu(58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)"*

2. Fir-rigward it-tieni akkuza u cioe dik ta' hsara volontarja ai termini tal-artikolu 325 (1) (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena disposta fil-ligi hi s-segwenti:-

*"Jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn uħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmienxhur sa erbatax il-xahar"*

3. Fir-rigward it-tielet akkuza dwar fastidju kif kontemplat fl-artikolu 251A ( 1) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta il-piena f'kaz ta' htija hija s-segwenti:-

*"Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista'teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien"*:

Jinghad li l-akkuzi moghtija kontra l-appellant fir-rigward tal-incident li sehh fil-Fgura nhar l-14 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 20.45pm, l-akkuzi jgorru is-segwenti piena:-

1. Fir-rigward tal-akkuza talli kkaguna feriti ta' natura hafifa kif dispost fl-artikolu 221 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena hija s-segwenti:-

*"L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill- konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija ghal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa"*

2. Fir-rigward tal-akkuza talli saq il-vettura tal hamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni DBX 862 u li ghadda kontra is-sinjal tat-traffiku li jindika li ma hemmx dhul kif dispost f'Reg. 2 Taqsima II Art A ( c) L.S. 65.05

f'kaz ta' htija il-piena hija di disposta fl-artikolu 55(1) tal kap 65 tal-ligijiet ta' Malta u cioe s-segwenti:-

*"kull persuna li tagħmel reat kontra xi regolamentmagħmul taħt l-artikolu 54 għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-pieni kif stabbiliti għal kontravvenzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali,iżda kull piena bħal dik ma għandha tkun f'ebda każ anqas minnammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)"*

3. Fir-rigward tal-akkuza talli saq il-vettura tal hamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni DBX 862 bla kont bi traskuragni ujew b'mod perikolu kif dispost fl-artikolu 15 (1a) (3) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena hija s-segwenti:-

*"Ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena"*

Jinghad li l-akkuzi moghtija kontra l-appellant dwar dawk li saru gewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzi jgorru is-segwenti piena:-

1. 1. Fir-rigward tal-akkuza talli ma obdiex l-ordni legittimi ta' l-awtorita kif dispost fl-artikolu 338 (ee) tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena ghandha tkun ammenda skond l-artikolu 13 (1) tal-kap 9 li jirpprovdi s-segwenti:-

*"Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximumtal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)"*

2. *2* Fir-rigward it-tieni akkuza u cioe dik li ghamel ingurji jew theddid kif dispost fl-artikolu 339 (1) e) tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena ghandha tkun ammenda skond l-artikolu 13 (1) tal-kap 9 li jirpprovdi s-segwenti:-

*"Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximumtal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)"*

Illi ghalhekk minn esami tas-suespost jidher li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti u cioe li kkundannatu ghal zmien ta' sena prigunerija sospiza ghall-perijodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija piena lejn il-massimu tenut kont ic-cirotanzi tal-pieni il fuq deskritti. Illi huwa ukoll korrett li din il-Qorti appliakat l-artikolu 28H tal-Kap 9 sabiex l-appellant ihallas is-somma ta' €1,817.20 rappresentanti d-danni li wara kollox kien hu li kkaguna u li del resto ammetta. L-appellant stqarr li l-perjodu ta' sitt xhur moghti mill-Qorti huwa terminu qasir tenendo kont li jghix bil-minimum wage pero' din il-Qorti tirrileva li l-ligi stess timponi terminu sabiex isir dan il-hlas u ghalhekk it-terminu ta' sitt xhur hu prefiss mill-ligi u qed jigi konfermat. Dwar l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan jidher minn ezami tal-fedina penali tieghu li l-appellant gja instab hati ta' reati ohra naxxenti mill-Ordinanza tat-traffiku u donnu l-appellant ma tghallimx minnhom u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kienet gustifikata li timponi terminu ta' skwalifia ta' tlett xhur.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija kif ukol ta' piena. Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu jhallas id-danni minnu kkagunati fi zmien sitt xhur bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fejn skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tliet xhur.

Qeda ukoll tikkonerma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat l-ordni tat-trazzin ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Dylan German, Donnalise Grech u Anne Grech ghall-perjodu ta' tlett snin m'illlum.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur